MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 803/2001/1

**Avukat Dottor Austin Sammut ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Fortis Bank A.S.Z.**

**vs**

**NC- Metric Sicav plc.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta’ Mejju 2001 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi fid-29 ta’ Novembru 2000 is-socjeta` konvenuta inkarigat lil dik attrici sabiex tixtrilha numru ta’ “*securities*”, fil-forma ta’ “ *treasury bills*” mis-suq finanzjarju Tork;

Illi l-istess socjeta` attrici dakinhar stess attwat dan l-inkarigu u xtrat dawn is-“*securities*” ghall-valur totali ta’ zewg triljuni, erba’ mija u sebgha u hamsin biljun disa’ mija u erbgha u tmenin miljun seba’ mija u tnejn u erbghin elf erba’ mija u tnejn u ghoxrin liri Torok (TRL2,457,984,742,422) ekwivalenti ghas-somma ta’ disa’ mija u sebghin elf tliet mija u hamsa u tmenin liri Maltin (Lm970,385).

Illi l-hlas mis-socjeta` konvenuta lil dik attrici kellu jsir fl-4 ta’ Dicembru 2000, li kienet il-“*value date*” pattwita, izda baqa’ ma sarx u ghalhekk is-“*securities*” kellhom jinbieghu b’telf fl-ammonti indikat fit-tieni premess.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq indikata ta’ TRL2,457,984,742,422, ekwivalenti ghal Lm970,385 rappresentanti telf fuq “*securities*” mixtrija fuq inkarigu u ghan-nom taghha;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru tal-10 ta’ April 2001, u bl-interessi legali b’ effett mill-4 ta’ Dicembru 2000 kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha jigu minn issa nguntu ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 31 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor Mhallef Joseph R Micallef ghas-seduta tat-2 ta’ Lulju 2001.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R. Micallef tat-2 ta’ Lulju 2001 fejn il-Qorti irrilevat li isem il-kumpanija mharrka fuq il-lista huwa muri hazin fis-sens li l-kelma “SICAR” suppost taqra “SICAV”. Il-Qorti rat l-

**artikolu 175 (3) tal-Kap 12**, u ordnat l-bidla tal-imsemmija kelma fuq il-lista.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 14 ta' Novembru 2001 a fol. 51 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi, fl-ewwel lok, fl-1 ta' Dicembru tas-sena 2000 s-socjeta` konvenuta ma nkarigatx lis-socjeta` attrici biex tixtrilha xi "*securities*" ta' f'forma ta' "*treasury bills*" u lanqas ta' xort' ohra; filfatt, fl-1 ta' Dicembru 2000, ma sar l-ebda negozju bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta.

2. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta la kellha u lanqas seta' kellha xi obbligu fil-konfront tas-socjeta` attrici naxxenti min negozju bejn il-partijiet li allegatament sar fl-1 ta' Dicembru 2000 ghal valur ta' zewg triljuni, erba' mija u sebgha u hamsin biljun disa' mija u tnejn u ghoxrin liri Torok (TRL2,457,984,422) ekwivalenti ghas-somma ta' disgha u sebghin elf tliet mija u hamsa u tmenin liri Maltin (Lm970,385).

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici li rapprezentanti taghha huma sa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 53 sa 55 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta' Novembru 2002 (fol. 79) fejn Dr. Austin Sammut ghas-socjeta` attrici talab korrezzjonijiet fic-citazzjoni fis-sens illi d-data ta' l-"1 ta' Dicembru 2000" fl-ewwel premessa tinbidel ghad-data "29 ta' Novembru 2000" u l-kliem fit- tielet premessa "jinzamm ghand s-socjeta` attrici" jigu sostitwit bil-kliem "jinbieghu b'telf fl-ammont indikat fit-tieni premess" u kif ukoll illi fl-ewwel domanda l-kliem "valur ta" jigu sostitwiti bil-kliem "telf fuq". Il-konvenut oppona *stante* li t-tibdil jaffettwa l-mertu tal-kawza u dan mhux permess taht **artikolu 187(5).** Il-Qorti awtorizzat lill-

partijiet jaghmlu noti fuq dan il-punt fit-termini hemm indikati.

Rat ir-rikors tal-attur *nomine* datat 22 ta' Novembru 2002 a fol. 81 tal-process fejn l-esponenti talab lill-Qorti tordna l-korrezzjoni tal-verbal tat-8 ta' Novembru 2002 biex kull fejn tidher is-sena "2001" din tigi sostitwita bis-sena "2000".

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur *nomine* datata 29 ta' Jannar 2003 a fol. 96 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta' NC Metric Sicav p.l.c. datata 7 ta' Frar 2003 a fol. 100 tal-process fejn gie eccepit: -

1. Illi c-citazzjoni fl-ismijiet premessi kif "korretta" hija nulla *stante* illi din l-Onorabbli Qorti qatt ma awtorizzat il-korrezzjoni fic-citazzjoni skont kif intalab mill-attur fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2003. Mill-process jirrizulta li din l-Onorabbli Qorti, fil-fatt, ma tat l-ebda digriet li permezz tieghu awtorizzat korrezzjoni fic-citazzjoni.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi li huma sa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol. 101 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 27 ta' Frar 2003 a fol. 102 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta u l-atti relevanti ordnat li l-korrezzjonijiet mhux awtorizzati li jidhru fic-citazzjoni jigu kancellati a kura tar-Registrtur tal-Qorti. *In vista* ta' dan id-digriet is-socjeta` konvenuta rtirat l-eccezzjoni ulterjuri

taghha prezentata fis-7 ta' Frar 2003. Il-kawza thalliet ghall-provediment dwar it-talba attrici ghall-korrezzjonijiet rikjesti fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2002 (fol. 110).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri ta' NC Metric Sicav p.l.c. datata 11 ta' Frar 2003 a fol. 112 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi c-citazzjoni fl-ismijiet premessi kif 'korretta' hija nulla *stante* illi din l-Onorabbli Qorti qatt ma awtorizzat il-korrezzjoni fic-citazzjoni skont kif intalab mill-attur fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2003. Mill-process jirrizulta li din l-Onorabbli Qorti, fil-fatt, ma tat l-ebda digriet li permezz tieghu awtorizzat korrezzjonijiet fic-citazjoni.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghar-ragunijiet hawn fuq prmessi, it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi li huma sa minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` konvenuta a fol. 113 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet addizzjonali tal-attur *nomine* datata 22 ta' April 2003 a fol. 119 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2003 inghata provediment fejn awtorizzat il-korrezzjojnijiet rikjesti mitluba mis-socjeta' attrici peress li gie deciz li dawn huma permessibbli skond l-artikolu 175 tal-Kap. 12 kollox kif jidher mill-istess digriet a fol. 124 sa 127 tal-process. Ghalhekk il-kawza giet differita ghal kontinwazzjoni ghat-22 ta' Ottubru 2003; rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Ottubru 2003 fejn il-kawza thalliet sabiex tigi notifikata mill-gdid ic-citazzjoni kif korretta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta datata 26 ta' Novembru 2003 a fol. 131 tal-process fejn esponiet: -

1. Illi preliminarjament, is-socjeta` konvenuta giet notifikata fit-12 ta' Novembru 2003 bic-citazzjoni u dikjarazzjoni fl-ismijiet premessi, li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok. “LDG 1”, li tindika, b'notament registratur, illi l-korrezzjonijet li ma gewx awtorizzati gew kancellati pero', imkien ma jidher dak it-tibdil ordnat minn din l-Onorabbli Qorti fid-digriet tal-10 ta’ Gunju 2003 ghalhekk l-esponenti ghadha mhix debitament notifikata;

2. Illi preliminarjament ukoll, izda minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici ma tistax tigi milqugha, u ghalhekk s-socjeta` konvenuta ghandha tigi liberata mid-domandi, *stante* illi l-istess talba, kif ukoll il-premessi dedotti fic-citazzjoni kif ghandha tigi korretta, mhumiex sostnuti mill-fatti kif dikjarati fid-dikjarazzjoni mahlufa;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-transazzjoni li allegatament sehhet bejn il-partijiet nhar id-29 ta' Novembru 2000 kienet tikkonsisti f'offerta da parti tas-socjeta` konvenuta lill-bank attur biex dan tal-ahhar ibieghlha *treasury bills* mahrugin mill-istat Tork ta’ valur TRL41,500,000,000 (ISIN 121201T19) @ 0.714, u ghalhekk in-natura tal-allegata transazzjoni hija ben diversa minn dik premessa fic-citazzjoni. Fil-fatt is-socjeta` konvenuta ordnat minghand il-bank attur, u mhux inkarigatu jixtri ghan-nom taghha, numru ta' *treasury bills*, liema *treasury bills* kellhom jithallsu, f'kaz li t-transazzjoni proposta tigi accettata, fl-4 ta' Dicembru 2000. Qatt ma kien intiz jew kontemplat illi s-socjeta` konvenuta tinkariga lil bank attur imur fis-suq u jixtrilha t-*treasury bills*, u jekk ghamel hekk, dan ma kienx fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, u ghaldaqstant b'riskju biss ghall-bank attur;

4. Illi *in oltre*, l-offerta mis-socjeta` konvenuta tad-29 ta' Novembru 2003 qatt ma giet ikkonfermata bil-miktub mill-bank attur. Ghaldaqstant filwaqt li huwa koncess li kien hemm offerta biex jinxtraw it-*treasury bills qua* agent, ma jistax jinghad li kien hemm transazzjoni konluza bejn il-partijiet *stante* li ma saret l-ebda accettazzjoni da parti tal-bank attur u kwindi la hemm, u lanqas jista` jkun hemm,

ebda obbligu da parti tas-socjeta` konvenuta kif inhu pretiz mill-bank attur.

5. Illi fi kwalunkwe kaz nhar l-4 ta' Dicembru 2000, u cioe` s-*settlement date* tal-allegata transazzjoni, il-bank attur naqas milli jipprezenta lill-kustodju tas-socjeta` konvenuta t-*treasury bills* in kwistjoni biex imbaghad is-socjeta` konvenuta tkun obbligata thallas taghhom; ghaldaqstant, fin-nuqqas da parti tal-venditur li jikkonsenja l-oggett allegatament pattwit fid-data u l-hin pattwiti, ma kien hemm ebda obbligu da parti tas-socjeta` konvenuta bhala l-kumpratur, li thallas il-prezz.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank attur ghandu jipprova li t-telf attwali tieghu kien dak il-fatt mitlub u cioe` l-istess ammont li bih inxtraw, skont kif premess mill-istess bank attur, it-*treasury bills* in kwistjoni, wara li l-istess attur jispjega x’ kienu l-mizuri li ha sabiex it-telf, jekk sar, jigi mitigat.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ tas-socjeta’ konvenuta NC-Metric SICAV plc a fol. 134 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 137 u 138 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-21 ta’ Jannar 2004, b’referenza ghall-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, il-Qorti ordnat li jsir l-aggustament minnha ordnati u dan a karigu tar-Registratur tal-Qorti u ghalhekk mhux il-kaz li l-ewwel eccezzjoni tigi trattata ulterjorment.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta datata 13 ta’ Lulju 2004 a fol. 215 tal-porcess fejn esponiet:-

Illi waqt is-seduta tat-23 ta' Gunju 2004, is-socjeta` konvenuta tat ruhha b'notifikata bic-citazzjoni kif korretta skond id-digriet ta' l-10 ta' Gunju 2003 u ghaldaqstant qed tipprezenta l-prezenti nota tal-eccezzjonijiet;

1. Illi c-citazzjoni, anke kif korretta, hija nulla *stante* nkonsistenza fundamentali bejn dak premess fic-citazzjoni u dak imsemmi fid-dikjarazzjoni kif mahlufa mill-attur *nomine*;

2. Illi, jinghad fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-pretensjonijiet attrici, kif dedotti fic-citazzjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi nhar id-29 ta' Novembru 2000, skont ic-citazzjoni kif korretta, jew nhar l-1 ta' Dicembru 2000, skont id-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mal-att tac-citazzjoni, is-socjeta` konvenuta ma nkarigatx lill-bank attur imur fis-suq u jixtrilha t-*treasury bills*, u jekk ghamel hekk, dan ma kienx fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, u ghaldaqstant b'riskju biss ghall-bank attur;

3. Illi *in oltre*, l-offerta mis-socjeta` konvenuta qatt ma giet ikkonfermata bil-miktub mill-bank attur, kif kienet tirrikjedi kemm il-prassi bankarja internazzjonali u anki dik bejn il-partijiet fi transazzjonijiet ohrajn, u ghalhekk filwaqt li huwa koncess li kien hemm offerta biex jinxtraw it-*treasury bills qua* agent, ma jistax jinghad li kien hemm transazzjoni konkluza bejn il-partijiet *stante* li ma saret l-ebda accettazzjoni da parti tal-bank attur u kwindi la hemm, u lanqas jista` jkun hemm, ebda obbligu da parti tas-socjeta` konvenuta kif inhu pretiz mill-bank attur;

4. Illi fi kwalunkwe kaz nhar l-4 ta’ Dicembru 2000, u cioe` s-*settlement date* tal-allegata transazzjoni, il-bank attur naqas milli jipprezenta lill-kustodju tas-socjeta` konvenuta it-*treasury bills* in kwistjoni biex imbaghad is-socjeta` konvenuta tkun obbligata thallas taghhom; ghaldaqstant, fin-nuqqas da parti tal-venditur li jikkonsennja l-oggett allegatament pattwit fid-data u l-hin pattwiti, ma kien hemm ebda obbligu da parti tas-socjeta` konvenuta bhala l-kumpratur, li thallas il-prezz;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-bank attur ghandu jipprova li t-telf attwali tieghu kien dak fil-fatt mitlub u cioe` l-istess ammont li bih inxtraw, skont kif premess mill-istess bank attur, it-*treasury bills* in kwistjoni,

wara li l-istess attur jispjega x'kienu l-mizuri li ha sabiex it-telf, jekk sar, jigi mitigat.

Rat id-dikjarzzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 217 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2006 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Marisa Azzopardi ghas-socjeta` konvenuta. L-attur u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Kawza giet differita *Sine Die*.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 14 ta' Gunju 2006 a fol. 282 fejn gie mitlub r-riappuntament tal-kawza u l-Qorti, wara li rat in-nota datata 23 ta' Gunju 2006, laqghet it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smigh ghall-15 ta' Novembru 2006, u nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli tisma' l-provi.

Rat ir-rikors tal-attur *nomine* datata 6 ta' Gunju 2006 a fol. 291 tal-porcess fejn talab lill-Qorti tordna t-tibdil fl-okkju tal-kawza u fl-atti kollha l-ohra konkommitanti u sussegwenti, sabiex l-isem tas-socjeta` estera "Turk Dis Ticaret Bankasi A.S." isir "Fortis Bank A.S.2" u dan skont l-**artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12** u u l-Qorti bid-digriet taghha moghti fis-6 ta' Settembru 2006 laqghet it-talba peress li ma' saret l-ebda opposizzjoni mis-socjeta' konvenuta, tant li ghalkemm notifikata ma' pprezentat l-ebda risposta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Dr. Austin Sammut *nomine* datata 5 ta' Settembru 2008 a fol. 522 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' NC-Metric Sicav p.l.c datata 15 ta' Ottubru 2008 a fol. 532 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2009 meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-Qorti

semghet it-trattazzjoni tar-rikors tat-13 ta' Marzu 2009 u cahdet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-25 ta' Gunju 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi f'din il-kawza, l-bank attur qieghed jitlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallsu somma li tirrapprezenta telf fuq prezz ta' *securities* mixtrija fuq inkarigu u ghan-nom tas-socjeta' konvenuta.

Illi in effetti jirrizulta li l-bank attur qed jallega li effettivament huwa xtara lura l-istess *securities* b'telf wara li s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitux is-somma rikjesta ghall-akkwist tal-istess, u ddispona minnhom.

Illi jista' jinghad li minkejja l-mod kif giet impustata t-talba attrici, jidher illi effettivament, wara l-korrezzjonijiet li saru, li din il-kawza hija ekwivalenti ghall-kawza ghall-hlas ta' danni naxxenti minn inadempjenza kuntrattwali, danni allegatament ikkagunati lill-bank attur wara illi s-socjeta` konvenuta naqset milli tonora l-ftehim li kellha ma' l-attur u thallas ghas-*securities* illi kienet inkarigat lill-Bank biex jakkwista ghan-nom taghha.

Illi da parti taghha s-socjeta` konvenuta qeghda tikkontesta t-talba attrici primarjament peress illi ssostni illi hija qatt ma nkarigatu jixtri *treasury bills* f'isimha. Is-socjeta` konvenuta qeghda wkoll tressaq eccezzjoni fis-sens illi jekk kemm-il darba jirrizulta illi huwa minnu illi l-bank attur sofra dannu bin-nuqqas taghha, huwa pero` l-ewwel irid jipprova dan u wkoll juri li pprova jimminimizza d-dannu soffert. In kwantu ghall-ewwel eccezzjoni, din giet

irtirata u in kwantu ghat-tieni, ir-raba’ u l-hames eccezzjonijiet, jidher illi s-socjeta` konvenuta ma hijiex qeghda tinsisti dwarhom.

Illi s-socjeta` attrici tikkontendi illi bieghet *securities* u cioe` numru ta’ *bills* tat-tezor Tork. Jirrizulta illi l-bank attur fid-29 ta’ Novembru 2000 ikkomunika mas-socjeta` konvenuta sabiex ibieghlha numru ta’ *bills* bil-prezz ta’ 0.71400 TRL fil-valur kumplessiv ta’ 41.5 triljuni TRL. Dawn il-*bills* kellhom jimmaturaw fit-12 ta’ Dicembru 2001. Irid jinghad illi l-ftehim mertu ta’ din il-kawza huwa wiehed partikolari in kwantu ma huwiex semplici kuntratt ta’ bejgh u xiri hekk kif huwa kkontemplat fil-Kodici Civili. Il-bank attur qieghed jidentifika l-ftehim bhala wiehed tat-tip *forward buying* (affidavit ta’ Ayperi Uras, *managing director* tal-bank attur a fol. 72).

Illi fil-fatt minkejja li skont il-bank attur, il-bejgh sehh fid-29 ta’ Novembru 2000, giet stabbilita data, l-4 ta’ Dicembru 2000, hekk imsejha *value date*, illi fiha s-socjeta` konvenuta kellha l-obbligu thallas ghall-*bills* in kwistjoni. F’dan il-kaz il-prezz kien iffissat skont il-valur tal-*bills* fid-29 ta’ Novembru 2000 (affidavit ta’ Mustafa Dogan, rapprezentant tal-bank attur, a fol. 69). Dan kollu jirrizulta minn komunikazzjoni li saret bejn il-partijiet permezz ta’ *fax* datat 29 ta’ Novembru 2000 mibghuta mis-socjeta` konvenuta lill-bank attur wara komunikazzjoni telefonika fl-istess gurnata (Dok. “MD” a fol. 78). Jinghad illi n-natura tal-ftehim innifsu hija kkontestata.

Illi s-socjeta` konvenuta qeghda tichad illi hija qatt inkarigat lill-bank attur jixtri dawn is-*securities* f’isimha. F’dan is-sens, hija targumenta illi l-*bills* li xtrat minghand il-bank attur kienu diga` fil-*portfolio* tal-bank. Skont ix-xhieda ta’ Mustafa Dogan, jidher pero` illi l-bank attur ta struzzjonijiet sabiex jinxtraw dawn il-*bills* jew mill-iStock Exchange Tork jew direttament minn *dealer banks* (fol. 69). Dan gie ukoll ikkonfermat mid-direttur tal-bank attur, Ayperi Uras, illi kkonferma illi l-*bills* fil-fatt inxtraw mill-Bank Centrali Tork (xhieda in kontro-ezami a fol. 237).

Illi in effetti din il-Qorti thoss li s-socjeta' attrici ma ppruvatx l-alleggazzjonijiet taghha, fis-sens li din il-Qorti ma thossx li l-ftehim bejn il-partijiet odjerni kien dak allegat mis-socjeta' attrici u cjoe' li hija giet inkarigata sabiex tixtri *securities* ta' terzi ghan-nom tas-socjeta' konvenuta, izda biss li s-socjeta' konvenuta xtrat minghand il-Bank attur l-istess *securities*.

Illi fil-fatt hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li ma hemm ebda prova li s-socjeta` konvenuta tat l-inkarigu lill-bank attur imur jixtri il-*bills* minghand terzi u wisq inqas ma hemm ebda inkarigu sabiex l-istess Bank attur jittrasferixxi l-istess *securities* lill-terzi, kif jghid li ghamel il-Bank attur.

Illi jrid jinghad illi *oltre* x-xhieda illi ressaq il-bank attur, ma hemm l-ebda prova dokumentarja illi l-bank effettivament xtara l-bills in kwistjoni fiz-zmien illi fih ircieva l-inkarigu minghand is-socjeta` konvenuta. Meta mistoqsi in kontro-ezami, Ayperi Uras, (fol. 232 *et seq.*) sabiex jipprovdi xi dokument illi juri x-xiri, huwa jirreferi ghar-rapport tad-ditta ta' awdituri Gureli Yeminli Mali Musavirlik (GYM) liema rapport huwa bbazat fuq informazzjoni illi tah il-bank attur stess. Minkejja illi s-socjeta` konvenuta ma tichadx illi hija permezz tal-*fax* tad-29 ta' Novembru 2000, hawn fuq imsemmi, hija kkonfermat ix-xiri tal-*bills* mertu tal-kawza (ara nota ta' sottomissjonijiet a fol. 533 paragrafu 3.4) hija tikkontesta li nkarigat lill-bank sabiex jixtri tali *securities* minghand terzi, u wkoll huwa kkontestat minnha li effettivament l-istess Bank attur fid-dati minnu indikati akkwista tali *securities* minghand terzi.

Ili f'dan is-sens din il-Qorti ma tistax ma taghtix piz lill-fatt illi l-bank attur naqas milli jipprovdi l-ahjar prova kif mitlub minnu bil-ligi (**artikolu 559 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta) biex juri illi huwa kien verament akkwista l-*bills* in kwistjoni (ara **"Nicola Ciantar & Sons Limited vs General Provisions Co. Limited"** (A.C. – 30 ta' April, 2009); **"Fallon Grech Blackman vs Lara Filletti"** (A.I.C. (P.S.) – 23 ta' Gunju 2004).

Illi din il-Qorti thoss li mill-estratt tat-*Treasury Bills and Bond Operations Report* tal-Istanbul Stock Exchange (fol.

413 et sequitur tal-process) jirrizulta li bejn id-dati tad-29 ta' Novembru 2000 sa l-4 ta' Dicembru 2000 ma kienx hemm ebda transazzjoni ta' *bills* tat-tip mertu tal-kawza fl-ammont li l-bank attur jsostni illi akkwista. Dan jinsab ikkonfermat mid-dikjarazzoni ta' Cengiz Soylemezoglu (fol. 270) u Dok. "NC1" u Dok. "NC2" u dak li johrog mir-risposti tal-istess xhud (fol. 410) ghad-domandi tas-socjeta' attrici (a fol. 378) tal-istess.

Illi dan ifisser li s-socjeta' attrici naqset li tipprova wkoll li hija akkwistat l-istess *securities* fid-dati ndikati, u dan peress li kieku saret tali transazzjoni din kienet tkun hekk registratata, izda il-bank attur ma gab l-ebda prova ta' tali registrazzjoni, haga li seta' u kellu jaghmel sabiex jipprova l-allegazzjonijiet tieghu. Dan qieghed jigi rrilevat anke fid-dawl tal-principju sancit bil-ligi illi minn jallega jrid jipprova (**l-artikolu 561 tal-Kap. 12**; **"FGB Services Limited vs Spicat JCB Limited"** (P.A. (G.V) – 28 ta' Jannar, 2009).

Illi dan in-nuqqas ta' provi mressqa jakkwista importanza meta tigi kkunsidrata r-responsabbilta` *o meno* tas-socjeta` konvenuta ghad-danni kif ser jinghad: Huwa car illi s-socjeta` konvenuta ma setghetx thallas ghall-*bills* mixtrija u dan kif jirrizulta mill-konversazzjoni telefonika datata l-1 ta' Dicembru 2000 (Dok "C" a fol. 10 *et seq*) bejn zewg rapprezentanti rispettivi tal-partijiet, Mustafa Dogan ghall-bank attur u Birol Atikol ghas-socjeta` konvenuta, fejn il-bank attur gie anke mgharraf illi s-socjeta` konvenuta kienet falliet.

Illi kien f'dan il-punt f'din l-istess gurnata illi l-bank qieghed jallega illi sofra d-dannu lmentat. Isostni illi wara dik it-telefonata, huwa biegh dawn l-*bills* lis-socjeta` konvenuta u mbaghad rega` xtrahom minghandha. Dan gie enfasizzat ukoll mir-rapport tad-ditta ta' l-awdituri GYM hawn fuq imsemmi (Dok. "A33" - fol. 172). Kien hawn illi l-bank attur qieghed isostni illi sofra t-telf. Dan id-dannu huwa kwantifikah billi kkalkula d-differenza bejn il-valur tal-*bills* meta bieghhom lis-socjeta` konvenuta u meta rega` xtarahom minghandha stess fl-istess gurnata, li fil-frattemp kienu naqsu fil-valur. It-telf allegatament soffert mill-bank attur huwa ta' ta' TL 3.351.125.000.000 (Dok. "AS3" a fol. 164 *et seq,* b'mod partikolari fol. 173 u 174) Jinghad illi l-bejgh illi sehh fl-1 ta' Dicembru, 2000 jirrizulta

biss mir-rapport ta’ l-awdituri GYM u addirittura kontestat u kontraddett mix-xhud Cengiz Soylemezoglu prodott mis-socjeta konvenuta u mit-*Treasury Bills and Bond Operations report* tal-Istanbul Stock Exchange. Ta’ rilevanza hija l-konversazzjoni bejn rapprezentanti tal-partijiet (Dok. “C”). Interessanti illi filwaqt illi l-bank attur jikkontendi illi fl-istess konversazzjoni, l-bank inghata struzzjonijiet sabiex jillikwida l-*bills*, da parti taghha s-socjeta` konvenuta tghid illi qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex isir dan.
Illi dan huwa fl-opinjoni tal-Qorti il-pern tal-kontestazzjoni ta’ bejn il-partijiet. Dwar dan il-punt, il-partijiet jaghtu versjonijiet dijametrikament opposti. Min-naha taghha din il-Qorti thoss illi sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha jekk dawn it-transazzjonijiet ta’ l-1 ta’ Dicembru sehhewx jew le, ma thossx illi ghandha tistrieh biss fuq rapport *di parte* provdut mill-attur stess, li apparti x-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tal-bank attur, hija l-unika prova mressqa. In kwantu ghall-konkluzjoni dwar jekk qattx kien hemm ftehim bejn il-partijiet sabiex il-bank ibiegh u jakkwista l-*bills* b’telf hekk kif ghamel, l-unika prova migjuba f’dan is-sens hija konversazzjoni illi ma hija xejn cara li l-partijiet qeghdin jaghtuha zewg interpretazzjonijiet totalment kuntradittorji.

Illi f’dan is-sens, il-ligi tipprovdi illi kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni li ghandhom jikkonsistu fit-telf li l-kreditur ikun baghta u l-qliegh li jkun tilef (**artikolu 1125 u 1126 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**) (ara **“Dr. Hose` Herrera noe vs Gaetano Debattista et”** (P.A. (P.S) – 21 ta’ April 2004). Illi fil-kamp tad-danni kuntrattwali, l-attur ghandu jtella’ prova illi kellu obbligazzjoni favurih illi ma gietx onorata (**“L-Avukat Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb nomine”** – P.A. (T.M.) – 3 ta’ Lulju 2003).

Illi tenut kont ta’ dawn il-principji fil-kaz in ezami jirrizulta li mill-provi prodotti t-tezi tas-socjeta’ konvenuta hija iktar kredibbli u dan fis-sens li hija riedet tixtri *securities* minghand il-Bank konvenut u allura kull ma’ kien l-obbligu taghha kien li thallas il-prezz ta’ l-istess lill-venditur il-

Bank, haga li hija ma ghamilitx sad-data meta kellu jigi affettwat il-hlas fl-4 ta’ Dicembru 2000, peress li hija infurmat lill-bank attur fl-1 ta’ Dicembru 2000 li ma kinitx iktar f’pozizzjoni li thallas u li allura ma kinitx ser taghmel dan. F’dan ix-xenarju l-konkluzjoni logika ghall-istess hija li tali bejgh ma sehhx peress li s-socjeta’ konvenuta ma hallsitx il-prezz ta’ l-istess; se mai l-istess socjeta’ attrici setghet tippretendi l-hlas tal-bilanc tal-prezz li kien ghadu dovut rappresentanti l-valur tal-istess, haga pero’ li wara l-korrezzjonijiet rikjesti ma tidhirx li qed taghmel f’din il-kawza. Huwa sinifikanti f’dan il-kuntest li jinghad li mir-rapport GYM jirrizulta li effettivament is-*securities* li kienu ser jigu akkwistati kienu gja fil-*portofolio* tal-Bank b’effett mill-15 ta’ Novembru 2000 (fol. 171) u ghalhekk jirrizulta li l-Bank attur lanqas kellu bzonn li jixtri tali *securities* minghand terzi, u fil-fatt kienu u baqghu fil-pussess tieghu u r-relazzjoni bejn il-partijiet jidher li kienet wahda ta’ xiri u bejgh li ma giex konkluz.

Illi f’dan il-kuntest pero’ jinghad li l-pagament tal-prezz ta’ l-istess *securities* ma hijiex in-natura tal-azzjoni attrici, u dan peress li t-talba attrici hija ghall-hlas tas-sommma hemm indikata bhala telf fuq is-*securities* mixtrija fuq inkarigu u ghan-nom taghha. F’dan id-dawl jinghad li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi peress li jidher li hija bbazata fuq il-premessa li r-relazzjoni taghha mas-socjeta’ konvenuta kienet dik li hija giet inkarigata sabiex tixtri minghand terzi *securities* ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta, meta din il-Qorti thoss li dak li gie ppruvat kien li s-socjeta’ konvenuta riedet tixtri *securities* minghand is-socjeta’ attrici u l-bank attur.

Illi barra minn dan jirrizulta li biex tirnexxi l-allegazzjoni u t-talba attrici irid jigi wkoll ppruvat dak minnha allegat, li hija giet inkarigata, anke jekk ghall-grazzja tal-argument tigi accettata t-tezi taghha, sabiex hija terga’ tixtri l-istess *securties* minghand is-socjeta’ konvenuta b’telf jew tiddisponi minnhom b’telf sostanzjali pretiz fic-citazzjoni attrici.

Illi ghalhekk sabiex tirnexxi din l-azzjoni attrici irid jigi ppruvat li kien hemm dan l-inkarigu *da parte* tas-socjeta’

konvenuta u wkoll inadempjenza tas-socjeta` konvenuta li kkawzat id-danni li qed jippretendi l-Bank attur. F'dan il-kuntest jinghad li huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza nostrana illi f'kawza ghal danni kemm dawk akwiljani kif ukoll dawk *ex contractu* bhal fil-kaz in ezami ghandu jigi provat in-ness ta' kawza u effett bejn id-danni reklamati u l-agir ta' min ikun ikkaguna d-danni (**"Josef Galea vs Combinati Transport Services Limited pro et nomine"** **(**A.C. – 30 ta' Marzu 2001)).

Illi din il-Qorti thoss li minkejja li l-Bank attur allega li sofra telf meta huwa xtara lura l-*bills* minghand is-socjeta konvenuta, ineffetti ma giex ippruvat fil-livell rikjest mil-ligi la (i) li l-Bank attur xtara l-*bills* fid-29 ta' Novembru 2000, u (ii) lanqas li huwa biegh dawn l-istess *bills* lis-socjeta konvenuta u fl-istess gurnata xtrahom lura minghandha. Din il-Qorti thoss li l-Bank attur naqas li jipprova dak li kien oneru tieghu li jipprova u cjoe' li sehhew l-istess transazzjonijiet. Fuq dan l-isfond l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Illi fit-tieni lok din il-Qorti thoss li huwa wkoll relevanti u anke  ta' importanza vitali ghal din il-kawza, li fl-ebda stadju ma gie ppruvat mill-Bank attur, li huwa gie inkarigat mis-socjeta' konvenuta sabiex jerga jixtri l-istess *securities* minghand is-socjeta' konvenuta u jbiegh l-istess bit-telf li qed jippretendi li ghamel il-Bank attur u allura f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li t-talba kif prezentata u cjoe' li l-Bank attur kien kostrett li jbiegh l-istess *securities* b'telf u li ta' tali telf ghalih ghandha tirrrispondi s-socjeta' konvenuta, ma tistax tigi milqugha u dan peress li ma jirrizultax li l-istess socjeta' konvenuta qatt tat inkarigu ta' dan it-tip u lanqas (in kwantu jista' jkun relevanti) li l-istess Bank attur kien kostrett ibiegh l-istess *securities* bit-telf hekk indikat. Din il-Qorti thoss li certament f'dan il-kuntest ma giex ippruvat li Birol Atikal ghas-socjeta' konvenuta ta l-kunsens tieghu sabiex issir dan mill-Bank attur.

Illi dan jinghad ukoll fid-dawl tal-fatt illi anke li kieku jigi koncess ghall-grazzja tal-argument li gie ppruvat li l-bank attur akkwista dawn il-*bills,* il-bank dejjem kellu l-ghazla li jzomm dawn il-*bills* sal-*maturity date* fejn allura setghu

jissarfu shah inkluz l-imghax. Dan *oltre* kunsiderazzjonijiet ohra, illi l-bank attur qatt ma cahad, u cioe` illi seta' jillikwida l-*bills* in kwistjoni fi zmien meta s-suq Tork kien iktar favorevoli. Dan qed jinghad dwar dawk li kienu l-possibilitajiet li seta' jiehu l-Bank attur, izda xorta jibqa' l-fatt li skond din il-Qorti mill-provi prodotti ma jirrizultax li s-socjeta' attrici qatt inkarigat lill-Bank attur jew li jerga' jbiegh l-istess *securities* u wisq anqas li jbiegh l-istess f'dak il-mument meta t-telf kien ovvju li kien ser ikun wiehed sostanzjali.

Illi f'dan is-sens huwa ferm importanti dak li inghad f'paragrafu 4.12 tan-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fis-sens li dak li jidher li qed jippretendi l-Bank attur huwa li meta s-socjeta' konvenuta naqset li thallas il-prezz tal-istess *securities* - s-socjeta' konvenuta tirreferi ghal dan bhala li *"s-socjeta' konvenuta naqset milli tixtri"* – *"huwa qabad u uniletaralment, bi transazzjoni kompletament fittizja u b'finzjoni tieghu wahdu, ikkalkula daqs li kieku biegh l-istess Treasury Bills lis-socjeta' konvenuta bil-prezz pattwit u imbaghad daqs li kieku xtara l-istess Treasury Bills bi prezz anqas u b'hekk allura qed isostni li ghamel telf. Ir-rapport GYM ipprezentat mill-bank attur stess jikkonferma dan u jghid illi: "On 01.12.2000, referring to the phone call of NC Metric Sicav plc for renouncement, the securities were sold to NC Metric Sicav plc and purchased from it on the same day"* (fol. 171)

Illi l-ahhar punt illi din il-Qorti tixtieq tittratta jirrigwarda d-depozitu ta' $2,000,000 illi s-socjeta` konvenuta kellha f'fergha ohra tal-bank, liema depositu intuza mill-bank attur. Ghal darb'ohra, l-iskop ghalfejn intuza dan id-depozitu huwa punt ta' divergenza bejn il-partijiet. Il-bank attur isostni lli dan id-depozitu kellu jintuza u intuza sabiex ikoprih fit-telf illi kien ser jaghmel meta jixtri u jbiegh il-*bills*. Fil-fatt fil-komputazzjoni ta' danni, l-attur diga` naqqas din is-somma mill-ammont mitlub. Irid jinghad illi l-konversazzjoni rigward dan id-depositu ma hijiex cara u fid-dawl tal-provi l-ohra kollha imressqa, jew ahjar in-nuqqas taghhom, din il-Qorti ma tistax tikkondividi dak sostnut mill-Bank attur anke meta tezamina l-

konversazzjoni rigwardanti din l-istess imsemmija somma fl-intier taghha.

Illi ghar-ragunijiet hawn mghotija din il-Qorti thoss illi t-talba attrici ma hijiex gustifikata u hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn indikati u ghalhekk qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta peress li giet sorvolota, **tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tas-socjeta' konvenuta** biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li **tichad it-talba attrici** peress li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------